# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 518/2014**

Il-Pulizija

vs

**Alfredu Del Volto Santo Magro**

iben Toninu, imwieled Pieta', fid-19 ta' Marzu, 1938, detentur tal-karta tal-identita' numru 260438(M)

Illum 12 ta' Gunju, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Alfredu Del Volto Santo Magro quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli filħ u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) għall-ħabta tat-18.30pm fi Triq Villabate, Żabbar waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EAG 404:

(i) Naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa meta kien ħiereġ għal fuq it-triq prinċipali;

(ii) U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Shaun Spiteri skont kif iċċertifikat minn Dr. Daphne Gatt M.D. tal-Isptar Mater Dei;

(iii) Kif ukoll talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata (a) perikoluża (b) u bla kont.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Novembru, 2014 fejn il-Qorti stante kif deher id-dokument tal-identita' tal-imputat, deher li ma hux l-istess persuna li hemm fuq iċ-ċitazzjoni. Għalhekk deher li hemm dubju serju li immitiga favur l-imputat u għalhekk illiberat lill-imputat Alfredu Del Volto Magro mill-akkużi kollha kif dedotti kontrih.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fil-15 ta' Dicembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit LL.D. u datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-Liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fl-erbgħa (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-esponent Avukat Generali rċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-atti tal-proċedura fl-ismijiet premessi u ħhassu aggravat bihom b'mod ċar u dana għar-raġuni illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċazzjoni, applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljata tal-Liġi- preċiżament ta' Artikolu 360(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[1],- li waslet għal-liberatorja tal-imputat minn kull imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu stante illi kkonkludiet li kien hemm diskrepanza fl-identita' tal-imputat hekk kif din tirriżulta mill-komparixxi u mill-karta tal-identita' tiegħu.

---

[1] (2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

Illi jibda biex jingħad illi *ai termini* tal-Artikolu 360(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-komparixxi għandha ssemmi b'mod ċar il-persuna mħarrka u cioe' għandu jkun fiha indikazzjoni ċara dwar l-identita' tal-persuna li ġiet mitluba tidher quddiem il-Qorti sabiex tgħaddi proċess kriminali fir-rigward ta' dawk l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha. Illi fil-każ odjern, l-ewwel Onorabbli Qorti deherilha illi kienet rinfaċċjata b'dubju serju dwar l-identita' tal-imputat u dana għaliex l-identita' tiegħu kif indikata fil-komparixxi ma kinitx tikkonċidi mal-identita' tiegħu hekk kif imniżżla fil-karta tal-identita' ezebita fl-atti proċesswali odjerni u kien propju għalhekk illi l-Qorti għażlet illi tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi ghalkemm mad-daqqa ta' għajn jidher illi d-diskrepanza fl-isem tal-imputat ma jissodisfax il-vot tal-Artikolu 360(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, eżami aktar akkurat tal-ġurisprudenza nostrana turi mod ieħor. Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkazjonijiet fejn ġew mitluba sabiex jippronunzjaw ruħhom dwar is-sinjifikat u l-konsegwenzi naxxenti minn tali ċitazzjoni/komparixxi. Dawn il-Qrati rritenew invarjabbilment illi ċitazzjoni hija sempliċement 'avviso di comparire' u l-Qrati għandhom fl-approċċ tagħhom lejn l-applikazzjoni ta' Artikolu 360(2) kemm jista' jkun jużaw sens ta' prattiċita' u għaldaqstant, ġie ritenut li ċ-ċitazzjoni "*m'hemmx għalfejn issir skond xi formalita' sagramentali bil-preċiżjoni kollha.'*'[2]

Illi l-esponent hu tal-umli fehma illi fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet pjuttost affrettata fid-deċiżjoni tagħha illi tillibera lill-imputat u dan għaliex minn eżami komparattiv taż-żewg dokumenti u cioe' taċ-ċitazzjoni kif ukoll tal-karta tal-identita' tal-imputat jirriżulta bl-aktar mod lampanti illi n-numru ta' identifikazzjoni tal-imputat-260438M- jaqbel in kwantu huwa imiżżel bl-istess mod fl-imsemmija dokumenti. F'dan ir-rigward wieħed ma jistax ma jirrilevax kif numru ta' identifikazzjoni bħal ma hu dak li jidher fuq il-karta tal-identita' ta' persuna huwa numru uniku u esklussiv għall-persuna li lilha jingħata u għalhekk mhuwhiex possibbli li dak l-istess numru jkun isejjaħ ukoll lil xi persuna oħra. <u>Huwa hekk imsejjaħ numru ta' identifikazzjoni propju għaliex permezz tiegħu l-istat ta' Malta jista'</u>

---

[2] Il-Pulizija vs. Christopher Ryan u Joshua Xerri, Qorti tal-Appell Kriminali 10/4/14 Onor. Imhallef Antonio Mizzi; Il-Pulzija vs. Frank Borg Qorti tal-Appell Kriminali 6/3/1954; Il-Pulizija vs. Joseph Zahra Qorti tal-Appell Kriminali 5/8/2003.

jidentifika lil dik il-persuna li hija reġistrata uffiċjalment b'dak in-numru ta' identifikazzjoni partikolari.

Illi *di piu'* anki minn eżami superfiċjali tal-isem tal-imputat hekk kif jirriżulta mill-imsemmija dokumenti jidher b'mod ċar kif addirittura din id-diskrepanza f'ismu hija waħda minima in kwantu wieħħd jista' jinnota kif fiċ-ċitazzjoni l-imputat ġie indikat bħala Alfredu Del Volto Santo Magro filwaqt illi fil-karta tal-identita' eżebita fl-atti jidher illi ismu qiegżed imniżżel bħala Alfred Magro.

Illi fid-dawl tas-suespost, b'kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti diffiċilment setgħet ikollha dubju dwar l-identita' tal-imputat u għaldaqstant ir-rekwizit mitlub mil-Ligi senjatament f'Artikolu 360(2) ġie ampjament issodisfat.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda unikament il-konferma tal-identita' tal-akkużat.

Illi l-ewwel Qorti ikkonkludiet li hemm dubji fuq l-identita' tal-persuna akkużata minħabba li ismu fl-akkuża huwa **Alfredu Del Volto Santo Magro** u fil-karta tal-identita' li hemm kopja fl-atti a folio 17 l-isem huwa **Alfred Magro.**

Illi għalkemm d- differenza fl-isem jidher ċar hemm konformita' sħiħa fir-rigward tan-numru tal-karta tal-identita' u fl-indirizz residenti tiegħu fis-segwenti dokumenti esebiti fl-atti:

1 ) Fl-Akkuża folio 1

2) Fil-PIRS a folio 2A tal-proċess

3) Fl-affidavit ta' PS 329 R.Saliba a folio 11

4) Fil-kopja tal-karta tal-identita' tiegħu esebita a folio 17.

Illi għalkemm hemm il-kliem 'Del Volto Santo' fl-isem, l-isem u l-kunjom Alfred Magro huma l-istess.

Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali għax m'hemmx dubju dwar l-identita' tal-akkużat. Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet imsemmija din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Novembru, 2014 u qed tibgħat l-Atti lura lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tisma' l-każ mill-ġdid.